MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tal-25 ta' Ottubru, 2004

Talba Numru. 1910/2002

**Joseph Debono**

**Vs**

**Joseph Vella**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz fejn l-attur talab li l-konvenut ihallas is-somma ta’ Lm313.54c (tlett mija u tlettax-il lira Maltin u erbgha u hamsin centezmu) jew somma verjuri rapprezentanti hlas dovut ghal xoghol ta’ tikhil u xoghol relatat maghmul mill-istess attur f’April 2002 fuq ordni tal-konvenut gewwa “Vega”, Triq Salvinu Vella, Mellieha kif ukoll prezz ta’ materjal uzat ghall-istess xoghol.

Ra r-Risposta fejn il-konvenut eccepixxa li t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda u dana peress illi t-talba hija esagerata u m’hijiex gusta meta wiehed iqis ix-xoghlijiet li saru.

Sema’ x-xhieda u ra d-dokumenti esebiti.

Sema’ x-xhieda ta’ l-attur Joseph Debono fejn spjega fid-dettall ix-xoghol li huwa wettaq fuq il-proprjeta’ tal-konvenut u ghamel lista tal-granet li fihom wettaq dan l-istess xoghol u l-prezz ta’ xoghlu u tal-materjal li huwa uza ghal dan l-istess skop. Huwa qal li ma kienx ftiehem prezz ghal dan ix-xoghol mal-konvenut. Debono qal ukoll li l-konvenut kien jigi *on site* kwazi kuljum. Huwa esebixxa wkoll bhala Dok. JD3 u JD4 zewg ittri li kien ircieva minghand l-avukat tal-konvenut fejn gie nfurmat li l-konvenut kien qabbad perit biex jaghmel stima tax-xoghlijiet in kwistjoni liema xoghlijiet gew stmati li jammontaw Lm80 (tmenin lira Maltin) izda l-konvenut kien lest ihallas l-ammont ta’ Lm150 (mija u hamsin lira Maltin) a saldu.

Joseph Debono in kontro-ezami kkonferma li huwa ma kienx ta stima tax-xoghol lill-konvenut.

Sema’ x-xhieda ta’ Joseph Vella fejn qal li huwa kien inkariga lill-attur biex jaghmel ix-xoghol fuq il-faccata tad-dar tieghu. Huwa qal li qatt ma kien ftiehem prezz ma’ l-attur fuq dan ix-xoghol. Qal ukoll li wara li l-attur lesta x-xoghol in kwistjoni huwa qabbad perit li ghamel stima ta’ dan ix-xoghol li ma tinkludix il-materjal li ntuza ghall-istess xoghol. Huwa qal li saru xi xoghlijiet fuq it-travu li ma kienx informa lill-perit dwarhom. Huwa cahad li kien sar xi xoghol fuq ix-xibka tal-gallerija u ghalhekk ma kienx informa lill-perit lanqas fuq dan.

Sema’ x-xhieda tal-Perit Hector Zammit fejn ikkonferma r-rapport tieghu stess li gie esebit a fol 37 tal-process. Huwa qal li l-istima ghamilha fuq ix-xoghol li ndikalu l-konvenut u li qatt ma kien kellem lill-attur. Qal ukoll li kkunsidra l-invoice li kien baghat l-attur lill-konvenut biex wasal ghall-konkluzjonijiet tieghu.

**Ikkunsidra**

Illi l-partijiet ma ftiehmux dwar il-prezz tax-xoghol li wettaq l-attur.

Illi l-ammont ta' Lm313.54c (tlett mija u tlettax-il lira Maltin u erbgha u hamsin centezmu) **(Lm265.75c (mitejn u hamsa u sittin lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu) kiri ta' xoghol u Lm47.79c (sebgha w erbghin lira Maltin u disgha u sebghin centezmu) spejjez tal-materjal uzat)** mitlub mill-attur huwa kkontestat billi l-konvenut isostni li dan l-ammont huwa esagerat wara li kkonsulta l-perit tieghu.

Illi f'dan il-kaz japplika l-Artikolu 1624 tal-Kodici Civili li jghid li:

"Jekk il-hlas mhux stabbilit fil-ftehim, jew b'ligi jew b'uzu, jigi meqjus mill-Qorti bi stima ta' periti, jew ukoll minghajr din l-istima, skond ic-cirkostanzi."

Illi ghalhekk dan it-Tribunal wara li ezamina rettament il-kaz in kwistjoni hu tal-fehma li wara li ha konjizzjoni tal-kobor tal-faccata, li l-attur esagera meta qal li kellu bzonn tmien t'ijiem biex ikahhal, jizboh u jaghmel xi xoghol iehor relatat fuq din l-istess faccata. Illi min-naha l-ohra l-istima tal-Perit Hector Zammit mhix kompluta fis-sens illi kif stqarr il-konvenut stess kien hemm xi xoghol imwettaq mill-attur li l-konvenut ma kienx informa lill-perit dwaru. Il-perit naqas li jkellem lill-attur qabel m'ghamel l-istima.

Ghaldaqstant skond ic-cikostanzi dan it-Tribunal hu tal-fehma li l-konvenut ghandu jhallas lill-attur is-somma ta' Lm150 (mija u hamsin lira Maltin) ghal kiri ta' xoghol li wettaq l-attur flimkien mas-somma ta' Lm47.79c (sebgha w erbghin lira Maltin u disgha u sebghin centezmu) ta' l-ispejjez tal-materjal uzat fit-twettieq ta' dan l-istess xoghol, liema ammont ma giex ikkontestat.

Ghalhekk il-konvenut huwa kkundannat li jhallas lill-attur l-ammont globali ta' Lm197.79c (mija u sebgha u disghin lira Maltin u disgha u sebghin centezmu). L-ispejjez ghandhom jigu divizi 1/3 ghall-attur u 2/3 ghall-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------